



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0407/2013**

27.11.2013

# RAPPORT

li fih ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Kanada (2013/2133(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Elisabeth Jeggle

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	6

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**li fih ir-rakkmandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negożjati għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Kanada  
(2013/2133(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra n-negożjati li għaddejjin bejn l-UE u l-Kanada għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika (SPA),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet mal-Kanada, b'mod partikolari dawk tal-5 ta' Mejju 2010 dwar is-Samit UE-Kanada<sup>2</sup> tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada<sup>3</sup> kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2013 fuq ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' sħubija Trans-Atlantika usa<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim kwadru tal-1976 għall-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-1990 dwar ir-relazzjonijiet transatlantiċi bejn il-KE u l-Kanada,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-1996 u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunta,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet UE-Kanada (COM(2003)0266),
- wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Sħubija UE-Kanada tal-2004,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-2011 lill-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni UE-Kanada,
- wara li kkunsidra r-riżultati tal-laqgħa interparlamentari UE-Kanada ta' April 2013,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 90(4) u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarrijiet Barranin (A7-0407/2013),

---

<sup>1</sup> ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107

<sup>2</sup> ĠU C 81 E, 5.3.2011, p. 64.

<sup>3</sup> ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 20

<sup>4</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0280.

<sup>5</sup> ĠU L 260, 24.9.1976, p. 2

- A. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kanada huma storiċi, sodi u mibnija fuq interassi u valuri komuni; billi l-valuri komuni ta' demokrazija u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiffurmaw parti ewlenja ta' kwalunkwe ftehim bejn iż-żewġ partijiet bil-għan li jipprovdu qafas għal dik ir-relazzjoni;
- B. billi l-UE u l-Kanada għandhom storja twila ta' kooperazzjoni politika u ekonomika estensiva, li formalment tmur lura sal-1976 meta l-UE ffirmat Ftehim kwadru mal-Kanada, l-ewwel ma' pajjiż OECD; billi dan il-ftehim ilu żmien twil jikkostitwixxi l-qafas xieraq biex jissaħħu r-relazzjonijiet, tikber l-assoċjazzjoni politika u tiżdied il-kooperazzjoni;
- C. billi l-Kanada huwa demokrazija parlamentari kkonsolidata; billi l-Kanada jaqsam valuri u prinċipi demokratiċi simili mal-Unjoni Ewropea;
- D. billi l-SPA li qiegħed jiġi nnegozjat attwalment jaġġorna u jagħti nifs ġdid lir-relazzjoni bejn l-UE u l-Kanada u jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għat-tishħiħ tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kulturali u t-titħejja tal-kooperazzjoni tagħna f'bosta setturi; billi dan jikkodifika l-istatus tal-UE u l-Kanada bħala sħab strateġiċi;
- E. billi l-SPA, lil hinn mit-titħejja tal-istruttura istituzzjonali tar-relazzjonijiet, flimkien mas-CETA, ikun joffri liċ-ċittadini tal-Ewropa u tal-Kanada vantaġġi u opportunitajiet konkreti sakemm il-partijiet interessati kollha jkunu involuti fil-proċess; billi l-ftuħ tas-swieq u tal-kooperazzjoni regolamentari hija mistennja li tiġġeneraw gwadanji ekonomiċi importanti u jkollhom effetti pożittivi fuq l-impjieg kemm għall-Kanada kif ukoll għall-UE u, fid-dawl tat-twessiġħ tas-sħubija transatlantika u minħabba l-qafas NAFTA eżistenti, jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' suq transatlantiku, sitwazzjoni ta' vantaġġi reċiproku għall-atturi kollha involuti sakemm ma jitbaxxewx l-istandardi soċjali u ambjentali attwali;
- F. billi l-vantaġġi u l-opportunitajiet ta' relazzjonijiet intensifikati UE-Kanada għandhom jitqassmu b'mod ugħalli fost is-sezzjonijiet kollha kemm tal-popolazzjoni Ewropea u Kanadiża skont il-kundizzjonijiet ta' għajxien u r-rekiżi tagħhom; billi l-kundizzjonijiet ekonomiċi u industrijni differenti kemm tal-UE kif ukoll tal-Kanada għandhom ikunu rikonoxxuti u billi r-rispett għal użu sostenibbi u responsabbi tar-riżorsi jeħtieġ li jiġi għarantit;
- G. billi fit-18 ta' Ottubru 2013 il-President tal-Kummissjoni u l-Prim Ministro Kanadiż laħqu qbil politiku dwar elementi fundamentali ta' Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA), filwaqt li għaddejjin in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika; billi s-CETA u l-SPA huma kumplementari fit-tishħiħ tar-relazzjonijiet UE-Kanada;
- H. billi parallelament għan-negozjati dwar l-SPA, ġie nnegozjat ftehim dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) li huwa mistenni jsaħħaħ ir-relazzjoni anki fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u joffri salvagwardji xierqa kontra prassi mmirati sproporzjonati bbażati fuq iż-żamma ta' data dwar il-passiġġieri tal-UE;
- I. billi l-Kanada rtira formalment mill-Protokoll ta' Kjoto fl-2011; billi bosta drabi l-UE appellat lill-Kanada tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tiegħu skont l-impenji internazzjonali tiegħu;

- J. billi l-kwistjoni tal-eżenzjoni totali tal-viża għandha tīgħi solvuta malajr billi jiġi żgurat li l-persuni u l-impriżi mill-Istati Membri kollha tal-UE, fosthom ir-Rumanija u l-Bulgarija, ikollhom opportunitajiet indaqs fil-kooperazzjoni mal-kontropartijiet Kanadiżi;
- K. billi s-shubja strateġika bejn l-UE u l-Kanada għandha tkun riflessa kif mistħoqq fil-fora u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali; billi, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Artiku, appoġġata mill-Kanada, dwar l-istatus ta' osservatur tal-UE hija deplorevoli; billi l-UE impenjat ruħha tikkollabora mal-awtoritajiet Kanadiżi għar-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni;
1. Jindirizza lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna rrakkmandazzjonijiet li ġejjin:
    - (a) isir il-progress kollu meħtieġ għall-konklużjoni rapida tal-ftehim;
    - (b) issir insistenza li l-ftehim kollha tal-UE mal-pajjiżi terzi għandhom jinkludu klawsoli ta' kundizzjonalità reċiproka u klawsoli politiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, inkwantu riaffermazzjoni komuni tal-impenn reċiproku fil-konfront ta' tali valuri u indipendentement mis-sitwazzjoni f'dawk il-pajjiżi f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jiġu adottati salvagwardji xierqa biex jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' sospensjoni ma jkunx jista' jiġi abbużat minn kwalunkwe naħa;
    - (c) issir insistenza li tali kundizzjonalità għandha tifforma parti mill-SPA mal-Kanada biex tīgħi żgurata l-konsistenza tal-approċċ komuni tal-UE dwar il-kwistjoni;
    - (d) jiġu inkoragiġti, jekk possibbli, il-partijiet kollha involuti biex jinjalaw u jiffirmaw l-SPA u s-CETA mill-iktar fis possibbli u tīgħi enfasizzata n-natura kumplementari tagħhom;
    - (e) jiġi żgurat li s-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati ewlenin ikunu involuti, informati u kkonsultati b'mod sħiħ fl-ambitu tal-proċess;
    - (f) jiġi żgurat li l-ftehim ikun fih impenn sod għall-kooperazzjoni interparlamentari li tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament Kanadiż fir-relazzjonijiet UE-Kanada, speċjalment permezz tad-delegazzjoni interparlamentari li ilha kkonsolidata;
    - (g) jingħataw rapporti perjodiċi dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim lill-Parlament, li għandhom jippreżentaw ħarsa ġenerali tal-attivitajiet imwettqa u tar-riżultati miksuba fir-rigward tal-oqsma differenti tal-ftehim, ibbażati fuq kejl oġġettiv;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni li fiha rrakkmandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Kanada.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	50 2 9
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bastiaan Belder, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jääteenmäki, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Inese Vaidere, Nikola Vuljanić, Boris Zala, Karim Zéribi
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikienė, Reinhard Bütkofer, Véronique De Keyser, Kinga Gál, Elisabeth Jeggle, Barbara Lochbihler, Jean Roatta
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Claudette Abela Baldacchino, Hiltrud Breyer, Chrysoula Paliadeli, Marie-Christine Vergiat